**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 25 ta' Frar 2002.**

**Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Joseph Cini**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Cini ta' 36 sena, iben Joseph u Jane nee' Buttigieg, imwieled Pieta', fis-27 ta' Mejju 1964 joqghod Kayton Flats, Flt. 5, Triq it-Tamar, Qawra, u detentur tal-karta tal-identita' numru 304664 (M);

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Jannar, 2000, u sena qabel din id-data, fil-Qawra u bnadi ohra f'Malta u f'hinijiet differenti:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna/I minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma' kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija

mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluz Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova lid-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Talli kiser il-kundizzjoni moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenza saret sentenza definittiva u ma tistax tinbidel fil-15 ta' Novembru 1999.

d) U talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appelli moghtija fil-5 ta' Lulju 1996 u 30 ta' Lulju 197.

e) U talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-2 ta' Lulju 1996.

Wara li rat r-regola ment 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolament 8 tar-regoli tal-1939.

Wara li rat l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 533;

Ikkonsidrat:

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Cini, hija semplicement rapport ta' certa Miriam Bouvet illi fix-xhieda taghha, hija rrinunzjat ghal dak kollu li qalet lill-Pulizija u bil-gurament taghha kkonfermat illi r-rapport minnha maghmul ma kienx veritier.

Nonostante ippressata sew mill-Prosekuzzjoni u sia mill-Qorti, l-istess Miriam Bouvet, zammet l-istess versjoni, u ghalhekk din il-Qorti ma' tistax hlief tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet addebitati lilu mill-Prosekuzzjoni, izda tirrikmanda lill-Pulizija tinvestiga rettament il-kaz, jekk ghandhomx jittiehdu proceduri kriminali kontra l-istess Miriam Bouvet ghal rapport falz.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.